IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 12**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kumitat iltaqa` nhar**<br>**L-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2015 fis-5.45 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |
| ** | **Preżenti għal-Laqgħa:** | Attendenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sra Audrey Sant | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

** **Peress illi ċ-Ċerpersin kien għadu ma wasalx, ippresediet il-laqgħa l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B11**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B11 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B11

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B11**

2.01 2.01 Is-Sna Louise Agius u s-Sra Renate Guillaumier infurmaw il-laqgħa li ma kienux iltaqatgħu mal-kuntrattur minħabba l-fatt li bħalissa mhux żmien idejali sabiex jitħawwlu l-pjanti. — Diskussjoni dwar is-*soft areas*

2.02 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li d-Direttorat tat-Trasport Pubbliku kien talabna sabiex nipproponu data għal-laqgħa. Il-Kumitat qabel li nipproponu d-9 jew l-10 ta' Lulju fl-10:00 ta' filgħodu. — Nuqqasijiet dwar it-trasport pubbliku



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 2.03 | 2.03 Is-Segretatrju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li l-ittri dwar in-*Neighbourhood Watch* kienu intbgħatu. Is-Sur Christopher Farrugia qal li issa l-passi li jmiss kien li l-KA jiltaqa mal-Ispettur. | *Neighbourhood Watch* |
| ** | **Iċ-Ċerpersin Sam Abela daħal għal-laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija. Għaldaqstant, il-kumplament tal-laqgħa ġiet ippreseduta minnu.** | |
| 2.04 | 4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Perit John Schembri kien infurmana li ma kien hemm l-ebda żviluppi ġodda dwar il-ħajt fi Triq Godwin Ganado. Is-Sur Christopher Farrugia propona li tinbgħat ittra lid-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern dwar dan il-każ. Issekonda din il-proposta ċ-Ċerpersin Sam Abela. Il-Kumitat qabel unanimamnet. | Ħajt fi Triq Godwin Ganado |
| 2.05 | 4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ilment kien ġie mgħoddi kemm lis-Sanita kif ukoll lid-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern. | Tindif taħt il-Belvedere fi Triq tal-Virtu' |
| **3.00** | **Komunikazzjoni mill-membri** | |
| 3.01 | Is-Sur Chrisopher Farrugia nforma il-laqgħa li kienu avviċinatu għaqda volontarja sabiex għamlu xogħol ta' tindif b'mod volontarju ġewwa iż-żona tal-Virtu'. Il-Kumitat laqa' b'sodisfazzjon din l-inizjattiva u qabel li l-boroż u l-*skips* jigu provdutti mil-Kumitat Amministrattiv. | Tindif minn Għaqda Volontarja |
| 3.02 | Is-Sra Renate Guillaumier infurmat l-laqgħa li t-toqba fuq il-bankina quddiem bieb nru 5, Triq Francesco Azzopardi kienet għadha ma saritx. | Toqba fuq il-bankina quddiem 5, Triq Francesco Azzopardi |
| 3.03 | Is-Sra Renata Guillaumier infurmat l-laqgħa li l-*bricks* li hemm nieqes fuq il-bankina quddiem nru 74, Triq tal-Virtu' kienu għadom ma sarux. | Bankina Triq tal-Virtù |
| 3.04 | Is-Sur Sam Abela ppropona li għal żmien il-Milied tigi mżejjena s-siġra li hemm fic-*central strip* kif tidħol tal-Virtu' Is-Sna Louise Agius issekondat din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament. | Tizjien ta' siġra tal-Milied |
| **4.00** | **Korrispondenza** | Korrispondenza |
| 4.01 | Ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa. | |
| **5.00** | **Materji Oħra** | Materhi Oħra |
| 5.01 | Ma kien hemm l-ebda materji oħra x'tiġi diskussa. | |
| **6.00** | **Data tas-Seduta li jmiss** | |

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju 2015 fil-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6:35 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .................................... ta'.......................... 2015

**Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**